Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/16

**Duncan Calleja (K.I. nru.104289(M))**
**(appellat)**

**vs**

**Mapfre – Middlesea plc**
**(appellanti)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. Il-konvenuta appellat minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat- 23 ta' Novembru 2017 li kkundannata:

> *"thallas lir-rikorrenti s-somma ta'* ***sebat elef u mitejn Euro (€7,200)****, rappresentanti l-* market value *tal-vettura Peugeot 307CC bin-numru ta' registrazzjoni EBT-359 fid-data meta dina insterqet, ossija 8 ta' April 2015.*
>
> ***Spejjez*** *kollha tal-proceduri odjerni u* ***Imghax*** *kalkolabbli mid-19 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku tas-socjeta intimata".*

2. Il-konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistati (Malta) filwaqt li tiddikjara li l-ammont li kellu jithallas kien ta' €4,500 jew iehor verjuri inqas minn dak stabbilit u bl-interessi dekorribbli mid-data tas-sentenza, dan abbazi tas-segwenti aggravji:
   i. il-*market value* stabbilit minn dik il-Qorti ma kienx wiehed gust sahansitra kien eccessiv; u
   ii. l-imghax ma kellux jiddekorri mid-data tas-sentenza.

3. L-appellat isostni li s-sentenza tal-ewwel qorti hi gusta u timmerita konferma u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

**Fatti.**

4. Il-fatti huma s-segwenti:-

i. F'Dicembru 2014 l-appellat akkwista bi tpartit vettura second hand Peugeot 307CC numru EBT 359.

ii. L-appellat hareg polza *fully comprehensive* ma' Allcare Insurance Limited. Il-vettura nghatat valur ta' €8,200.

iii. Fit-8 ta' April, 2015 insterqet u l-appellat ghamel claim. Il-kumpannija assikuratrici offriet hlas ta' €4,500. F'ittra datata 29 ta' Settembru, 2015 infurmat lid-difensur tal-appellat: *"Our settlement offer of €4,500 reflects the current market value of a similar UK import. This may be amply verified with a few checks on Auto Trader UK link including transport to and registration in Malta"*.

iv. Skont il-guidebook tal-Malta Insurance Association, fis-sena 2014 it-tip ta' vettura tal-appellat kellha valur ta' €8,200 filwaqt li fl-2015 kellha valur ta' €7,200.

**Konsiderazzjoni.**

5. Hemm gurisprudenza kostanti[1] li bhala qorti ta' revizjoni, din il-qorti m'ghandhiex facilment tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti, hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji[2]. B'hekk qorti ta' revizjoni xorta ghandha tezamina l-provi[3] u tiddetermina jekk l-ewwel qorti setghatx tasal ghall-konkluzjoni li tkun oggett tal-appell.

6. F'dan il-kaz l-appellat xehed li qabel harget il-polza ta' assikurazzjoni, il-vettura kienet spezzjonata fil-garaxx ta' allCare Insurance Limited, u stmawha €8,400. Pero' kompla li l-valur tal-vettura haduh, *"Bil-ktieb tal-book value taghhom"*. Irrizulta li mill-*guide book* li juzaw kumpanniji ta' assikurazzjoni f'Malta, fis-sena 2014 vettura bhal dik tal-appellat kellha valur ta' €8,200. Fil-fatt il-vettura kienet assigurata ghal dak il-valur.

---

[1] Appell (Superjuri) **Therese Pace noe vs Camela Borg**, deciza 18 Lulju 2017.

[2] Appell (Superjuri) **Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et ,** deciza 10/01/1995.

[3] Appell **Attard v Direttur tas-Sahha**, 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza Appell (Superjuri) **Joseph John Parnis vs Mary Parnis**, deciza 31 Ottubru 2014.

7. Pero' l-istess *guidebook* fih notamenti u *note 3* tghid:

> *"Used UK Imported Vehicles are identified in sections underneath the brand listings. In cases where the vehicle may not be identified, please use the equivalent model in the standard section and* ***deduct*** *+/- 20% of indicated value.*
>
> *Valuations by MIA-Licenced Motor Insurance Surveyors are recommended"*.

8. Jekk wiehed kellu jibbaza fuq dak in-notament, ikun ifisser li l-valur tal-vettura tal-appellat fis-sena 2015 kien ta' **hamest elef seba' mija u sittin ewro (€5,760)**. Jidher ghalhekk li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta qalet:-

> *"Finalment, ghalkemm is-socjeta intimata tikkontendi illi hemm valuri differenti ghal vetturi mixtrija lokalment u dawk importati minn barra minn Malta 'second hand',* ***tali differenza ta' valur ma jidihirx rispekkjat fuq il-guidebook tal-Malta Insurance Association,*** *fejn hija taghmilha cara li vettura bhal dik tar-rikorrent, fis-sena 2015 kellha 'market value' ta' €7,200, u dana minghajr ebda distinzjoni ta' dana it-tip"*.

9. Mis-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti emmnet lill-appellat li l-vettura kienet giet ezaminata u saret stima taghha qabel allCare Insurance Limited harget il-polza. Li hu stramb, u dan ma ssemmiex fis-sentenza tal-ewwel qorti, hu li Julian Vassallo xehed li ezamina l-*underwriting file* u *"inspection fuq il-karozza ma saritx"*. Il-qorti tippretendi li kieku l-vettura giet stmata, fil-file relattiv kellu jkun hemm dokument bl-istima u bir-ritratti tal-vettura li l-appellat qal li ttiehdu. L-appellat lanqas ma ta taghrif dwar il-persuna li suppost spezzjona l-vettura dakinhar li harget il-polza ta' assikurazzjoni. Lanqas ma spjega x'wassal sabiex issir dik l-istima dak il-hin meta mar jaghmel transazzjoni semplici, li jixtri polza ta' assikurazzjoni ghall-vettura tieghu.

10. L-appellant xehed: *"Il-karozza kienet ghadha gdida fjamanta. Dejjem go garaxx jigifieri u kollox, full extras, bil-heated seats, kollox leather, bid-DVD bir-rimijiet u b'kollox. Full full u kollox tal-fabbrika, mhux imbaghbsa jigifieri"*.

11. Is-socjeta appellanti qeghda tikkontendi li l-ispezzjoni u l-valutazzjoni tal-vettura, li ssemmew diversi drabi fis-sentenza appellata, ma kienu xejn ghajr allegazzjoni maghmula mill-appellat ghaliex l-ebda prova ma tressqet fir-rigward. Id-differenza bejn is-somma li jippretendi l-appellat u €5760 hi

€1,440. Ma jirrizultax li l-vettura li tissemma fil-guide book fiha l-extras kollha li semma l-attur.

12. Dan apparti li l-appellanti lanqas ma ressqet prova tal-proposal form li suppost l-appellat intalab jimla. Ghalhekk mhux maghruf f'liema stadju l-appellanti saret taf li l-vettura kienet vettura giet importata mill-Ingilterra.

13. Wara li l-qorti qrat l-atti kollha m'hijiex konvinta li l-ewwel qorti kellha bilfors tikkonkludi li l-valur tas-suq f'Malta tal-vettura tal-appellat kienet €4,200. Li tipprezenta *snapshot* ta' tlett vetturi Peugeot 307 mill-website Auto Trader UK, m'huwiex bizzejjed biex tikkonvinci lill-qorti li s-somma ta' €4,200 kien il-valur tas-suq tal-vettura li nsterqet lill-appellat. Hu fatt maghruf li l-prezzijiet ta' vetturi *second hand* fl-Ingilterra hu ferm inqas minn dak f'Malta. Pero' dan ma jfissirx li l-valur taghhom fis-suq lokali hu simili. L-istess jinghad fir-rigward ta' snapshot li ttiehed mill-website Maltapark ta' vettura wahda Peugeot 307. Wiehed ma jistax jasal ghal fehma dwar il-valur tas-suq tal-vettura tal-appellat fuq semplici reklam ta' vettura ohra li hadd mill-partijiet ma jaf x'kundizzjoni kienet tinsab fiha u x'extras seta' kellha.

14. Ghal dak li jirrigwarda l-imghax, l-ewwel qorti qalet li ghandu jiddekorri mid-19 ta' Settembru, 2015. Dik hi d-data tal-ittra legali li l-appellat baghat lis-socjeta appellanti. Hu fatt li fir-rikors promotur l-appellat ma talabx ghall-imghax mid-data partikolari. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2017 billi tikkundanna lill-appellanti thallas l-imghax mid-data tas-sentenza tal-ewwel qorti.**
3. **Spejjez tal-appell jithallsu in kwantu ghal 90% a karigu tal-appellanti u 10% a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.